MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 818/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Alexander Scudamore**

**Illum, 5 ta' Gunju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi ALEXANDER SCUDAMORE ta' 45 sena, bin Alexander u Josephine nee' La Rosa, imwieled Lambeth (Ingilterra) fil-15 ta' Ottubru 1963, u li joqghod f'Numru 18, Flat Numru 1, Triq L. Graham, Sliema, detentur tal-Karta ta'l-Identita' bin-numru 458986M.

Akkuzat talli f’ Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, personalment jew fil-kapacita’ tieghek bhala direttur tal-kumpanija Alex Ltd.

a. b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ikorrompew ufficcjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Departiment tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, talab, ircieva, jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igigeghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

e. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg

ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jafu li ma kienux korrett jew qarrieqi f’xi rigward materjali.

B’hekk, int huwa sar recidiv a termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; biex f’ kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti u tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali kif mahsub
f’l-artikoli:
1. 18, 42, 115 u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 18, 120A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 18, 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. 18, 42, 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
6. 17, 18, 23B, 23C. 31, 42, 49, 50, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi akkwieziti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat huwa direttur tas-socjeta Alex Limited; din is-socjeta kienet tiggestixxi restaurant b'l-isem Bouzuki u kienet registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] bin-numru ta' registrazzjoni 1012 3428.

Illi mid-depozizzjoni ta' Joanne Hefney, in rapprezentanza tad-Dipartiment, jirrizulta li fis-sena 2008 is-socjeta Alex Limited baghtet hames denunzji tal-VAT; kollha kienu jindikaw ammont ta' taxxa pagabbli hlif wahda li kienet turi kreditu favur din is-socjeta f'l-ammont ta' €20,590.82. Id-dettalji ta' dawn id-denunzji[2] huwa hawn taht spjegat:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | 01/01/2008 sa 29/02/2008 | | taxxa pagabbli | €6,998.34 |
| 2 | | 01/03/2008 sa 31/05/2008 | | taxxa pagabbli | €15,843.45 |
| 3 | | 01/06/2008 sa 31/08/2008 | | taxxa pagabbli | €17,946.96 |
| ***4*** | | ***01/09/2008 sa 30/11/2008*** | | ***kreditu*** | ***€20,590.82*** |
| 5 | | 01/12/2008 sa 28/02/2009 | | taxxa pagabbli | €10.246.97 |

Illi l-istess xhud kompliet tispjega li permezz ta' ittra datata l-20 ta' Lulju 2009 (cioe wara li l-imputat kien gie investigat mill-pulizija), is-socjeta Alex Limited talbet li ssir korrezzjoni fid-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008 b'mod li bhala rizultat is-socjeta Alex Limited minflok kreditu ghal dan il-perjodu kellha thallas taxxa f'l-ammont ta' €16,358.78.

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-imputazzjonijiet fil-konfront ta'l-imputat fuq din id-denunzja, u cioe dik ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008.

Illi l-istess Joanne Hefney qalet ukoll li wara li saru l-aggustamenti skond il-korrezzjoni li ntalbet kif ukoll investigazzjonijiet tad-dipartiment inhargu assessments u gie stabbilit x'ammont kellha thallas is-socjeta Alex

[1] Aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.
[2] Kopja hija esebita in atti Dok JH1 a fol 59 et seq.

Limited. L-ammont dovut lid-Dipartiment thallas f'pagamenti rateali u fid-data tad-depozizzjoni tax-xhud kien baqa biss bilanc ta' €3,485.13 favur id-Dipartiment.

Illi l-imputat ta d-depozizjoni tieghu ukoll; huwa spjega s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta Alex Limited u spjega ukoll il-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni. Huwa spjega li kien hemm okkazzjoni meta mal-bar area ta'l-istabbilment minnu gestiet kien hemm persuna li qalet li taf lil xi hadd li jahdem mad-Dipartiment u li jista' jghinu; dak in-nhar l-imputat irreagixxa biss billi qal "kieku tajjeb". L-ghada ircieva telefonata minghand certi Freddie, persuna li huwa ma kienx jaf, li qallu li jista' jghinu bil-problemi li kellu mad-Dipartiment u ssuggerixxa li jiltqaghu u li l-imputat kellu jaghtih id-denunzji tal-VAT. Eventwalment l-imputat rega' ircieva telefonata minghand dan Freddie li kien qieghed barra ir-restaurant u li l-imputat kellu jaghtih d-denunzji. L-imputat fil-fatt hareg u tah id-denunzji. L-imputat jghid ukoll li hekk kif tah id-denunzji dan Freddie qallu li ta' din l-ghajnuna kellu jithallas €10,000. L-imputat ikompli jispjega li malli sema hekk *I started realizing that something was not quite right because originally in view of the conversation I had had at the bar I was under the impression that this person would be somebody employed at the VAT department*[3]. Huwa ma kellux €10,000 x'jhallas ghalhekk dak in-nhar hallas €5,000 fi flus kontanti u eventwalment ghamel pagament iehor ta' €5,000. Ghadda z-zmien u l-imputat ma sema' xejn minghand dan Freddie ghalhekk l-imputat ghamel kuntatt mieghu u dan Freddie qallu li kellu jaghmel pagament iehor ta' €2,000; l-imputat fil-fatt hallas dan l-ammont f'zewg pagamenti ta' €1,000. Meta ghamel dawn il-pagamenti l-imputat inghata d-denunzji li huwa kien ta li dan Freddie kif ukoll xi dokumenti ohra li kienu xi statement b'notamenti *in handwriting* u statement iehor li kien juru *balance zero*. L-imputat jghid ukoll li dawn id-dokumenti ma kienu jfissru xejn ghalih ghaliex la kellhom timbru ufficjali u ma kellux ricevuta ghalhekk mar id-Dipartiment biex jaghmel verifiki u hemm intwera zewg denunzji li ma kenux redatti minnu u li ma kienux juru

[3] Ref depozizzjoni a fol 471 tal-process.

figuri reali ghalhekk huwa baghat ittra biex dawn id-denunzji jigu korretti.

Illi fil-kors tad-depozizzjoni tieghu l-imputat gharaf id-denunzji esebieti minn Joanne Hefney bhala denunzji redatti minnu u li kien ghadda li din il-persuna Freddie. Huwa gharaf ukoll l-ewwel faccata tad-Dokument IJA4 bhala dak li huwa sejjah statement u li kien wiehed mid-dokumenti li ghaddilu Freddie wara li hallsu l-elfejn Euro.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar id-depozizzjoni ta'l-imputat li jimpingu fuq il-kredibilita tieghu.

Illi l-imputat prova jaghti l-impressjoni li huwa mar id-Dipartiment biex jiccara u jissana l-pozizzjoni tieghu minn jeddu u qabel ma beda jigi investigat mill-pulizija; dan mhux korrett. Wiehed mill-istatments li Feddie ghadda lill-imputat u li huwa esebiet in atti[4] gie printjat minn xi ufficjal tad-Dipartiment fit-20 ta' Marzu 2009[5]. L-imputat gie interrogat mill-pulizija fid-6 ta' April 2009. L-ittra li huwa baghat lid-Dipartiment u li permezz taghha huwa talab korrezzjoni fid-denunzji hija datata 20 ta' Lulju 2009. Ghalhekk huwa car li l-imputat mar id-Dipartiment minn jeddu fis-sens li hadd ma gieghlu pero dan ghamlu wara li gie rinfaccjat b'l-agir tieghu mill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni.

Illi l-imputat jghid li meta mar id-Dipartiemt huwa sab **zewg** denunzji li **ma kienux redatti minnu** u li ma kienux juru figuri reali. Huwa qal ukoll li baghat ittra biex jikkoregi dawn **iz-zewg** denunzji. Dan ukoll mhux korrett f'zewg aspetti. F'l-ewwel lok jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Joanne Hefney li l-imputat talab korrezzjoni f'denunzja wahda: dik fuq imsemmija u li tirreferi ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008 ghalhekk figuri inveritjeri kien hemm biss f'wahda u mhux fi tnejn. In oltre u fit-tieni lok jirrizulta ukoll li d-denunzji li gew prezentati ghas-snin 2008 u 2009 (sa kemm inbdiet l-investigazzjoni

[4] It-tieni faccata tad-dokumnt Dok IJA4, fol 50 tal-process.
[5] Dan jirrizulta mid-dettalji f'l-estremita t'isfel ta'l-istess dokument.

mill-pulizija) ghas-socjeta Alex Limited huma dawk esebieti minn Joanne Hefney[6] u li l-imputat gharaf bhala denunzji li gew redatti minnu (jew l-accountant tieghu). Konsegwentment id-denunzji li originarjament kellu d-dipartiment u li allura huma d-denunzji li ra l-imputat meta mar jaghmel il-verifiki, kienu dawn redatti minnu stess (jew l-accountant fuq struzzjonijiet tieghu).

Illi l-imputat in kontro ezami qal li huwa inizjalment ma kienx jaf li l-flus li kellu jhallas lil Freddie kienu ghal tixhim imma haseb li kienu ser jintuzaw biex jigi saldat il-kont li kellu mad-Dipartiment. Anke dan fil-fehma tal-Qorti mhux korrett.

Illi anke kieku l-Qorti kellha taghti il-beneficcju tad-dubbju lill-imputat u taccetta bhala veritjiera l-verzjoni li meta hu kellem lil dan Freddie ghall-ewwel darba u mbaghad accetta li jiltaqa' mieghu barra ir-restaurant huwa haseb li dan Freddie kien impjegat tad-Dipartiment pero zgur li malli ltaqa' mieghu u bdew jitkellmu kellu jirealizza li dan Freddie ma kienx impjegat mad-Dipatiment. Tant hu hekk li malli Feddie talbu €10,000 l-imputat jghid li *I started realising that something was not quite right*. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li ghalkemm l-imputat prova jitfa' dubbju dwar meta intalab l-€10,000 fil-fehma tal-Qorti u mid-depozizzjoni ta'l-imputat u mill-kumpless tal-provi m'ghandu jezisti l-ebda dubbju li l-flus intalbu f'l-ewwel inkontru meta l-imputat ta d-denunzji lil dan Freddie.

Illi in oltre l-Qorti difficilment taccetta li persuna, anke ta' intelligenza baxxa, u l-imputat zgur mhux persuna ta' intelligenza baxxa, tista' tasal biex tahseb li bil-hlas ta' €10,000 (li mbaghad zdiedu ghal €12,000) kien ser jigi saldat kont ta' almenu €35,000[7] u li dan kien ser isir b'mod legittimu.

Ikkunsidrat

---

[6] Dok JH1 a fol 59 et seq tal-process.

[7] Skond l-imputat stess it-taxxa realment dovuta minnu fuq id-denunzji li huwa ta li Freddie kienet ta' €35,000 u kien hemm ammont iehor ta' cirka €35,000 f'penali u imghaxxijiet; ref fol 471.

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea kif diga ghamlet f'kazijiet simili li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-riniviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat tirreferi ghar-reat predispost f'l-artikoli 18, 42, 115 u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dik ta' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[8].

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li is-somma ta' €12,000 li l-imputat hallas lil Alfred Mallia (il-persuna li l-imputat jirreferi ghalih bhala Freddie) kellha tintuza biex jigi korrott ufficjal pubbliku b'mod li kull bilanc dovut mis-socjeta Alex Limited lid-Dipartiment jigi mhassar. Il-provi in sostenn ta' din l-imputazzjoni huma dawk fuq riassunti. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li l-prosekuzzjoni sejjhet lil dan Alfred Mallia bhala xhud pero hu, kif kellu dritt jaghmel, ghazel li ma jixhidx.

[8] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Illi pero mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li dan Freddie ossia Alfred Mallia huwa ufficjal pubbliku hekk kif ma jirrizultax mill-provi prodotti x’ghamel Alfred Mallia bit-€12,000 mhallsu lilu mill-imputat u b’mod partikolari ma jirrizultax li dawn intuzaghu biex jithallas xi ufficjal pubbliku. Konsegwentment ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f’l-artikolu 115 u / jew l-artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsdrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ta’l-Avukat Generali t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirreferi ghar-reat predispost f’l-artikoli 18 u 120A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi pero l-artikolu 120A ma jezistiex fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi huwa principju ben stabbilit fis-sistema gudizzjarja taghna li din il-Qorti hija obbligata li ssib htija o meno b’referenza ghar-reati ipotizzati f’l-artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizju.

Illi l-artikolu indikat fit-tieni paragrafu tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ma jezistiex u ghalhekk ma jistax jinghad li qed jigi indikat lil Qorti xi reat li dwaru tista’ tiddkjara htija o meno da parti ta’l-imputat.

Illi ghalehkk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta’ truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*b) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[9]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[10]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq

---

[9] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[10] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[11].

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[12]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[13]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

---

[11] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[12] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[13] Op cit pagna 356

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[14].

Illi fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta' dik id-denunzja ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008 l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju ta' ftit anqas aktar minn €20,000 li permezz tieghu ghamel qliegh a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi jirrizulta ampjament li l-figuri li originarjament kienu jidhru fuq id-denunzja imsemmija ma kienux reali b'mod li mhux talli ma kienx hemm kreditu imma fil-verita kien hemm taxxa pagabbli lid-Dipartiment f'l-ammont ta' ftit aktar minn €16,000.

Illi jirrizulta ukoll li ghal xi zmien wara l-intervent ta' Alfred Mallia (Freddie) fir-records tad-Dipartiment kien qed jidher li l-ammont dovut mis-socjeta Alex Limited kien ta' €262.23, meta fil-fatt kien ta' circa €35,000 ghal dik li jirrigwarda taxxa u xi €35,000 ohra ghal dak li jirrigwarda penali u imghaxxijiet.

Illi mid-depozizzjoni ta' l-imputat jirrizulta li d-denuzji kollha esebieti bhala Dok JH1 gew redatti minnu[15] ghalhekk jirrizulta li dik d-denunzja li kienet tindika kreditu inveritjier ta' €20,590.82 kienet giet redatta minnu jew fuq inkarigu tieghu. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax minn kienet il-persuna li effettivament hadet hsieb biex fil-kont tas-socjeta Alex Limited mad-Dipartiment mhux biss jittiehed in konsiderazzjoni il-kreditu immaginarju fuq imsemmi imma jigu manipolati r-records b'mod li jidher li kien hemm debitu ta'l-imputat favur l-istess Dipartiment ta' €262.23 meta fil-fatt kien hemm debitu ta' circa €35,000 taxxa u €35,000 ohra f'penali u imghaxxijiet. Pero ghalkemm il-persuna li effettivament ghamlet dan ma jirrizultax min hi,

---

14 Op cit pagna 357
15 Jew accountant inkarigat minnu.

jirrizulta ampjament li dan gara u dan jikkostitwixxi qliegh favur l-imputat a dannu tad-Dipartiment.

Illi ghalhekk ghalkemm ma jistax jinghad li mill-provi prodotti jirrizultax minn kien l-awtur ta' dan il-agir pero kif diga ntqal aktar 'l fuq din il-Qorti hija konvinta li permezz tal-ftehiem li kellu ma' Alfred Mallia (u li ghalih hallas is-somma komplessiva ta' €12,000) l-imputat kien jaf li ser isir xi haga biex jnqata id-dejn li huwa kellu mad-Dipartiment minghajr ma jhallas l-ammont li kien fil-fatt dovut.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li din it-tielet imputazzjoni hija pruvata.

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali r-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal komplicita fir-reat ta' falsifikazzjoni predispost f'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'l-artikolu 77 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Ligi jikkomtemplaw 'l hekk imsejjah falz ideologiku.

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[16]

Illi mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li d-denunzja originarjament prezentata ghal perjodu mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008 taghti informazzjoni falza fis-sens li *non e veridico perche colui*

[16] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

*che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero*. Lanqas m’ghandu jkun hemm dubbju li dan id-dokument kien mahsub ghal xi awtorita pubblika, id-Dipartiment tal-VAT, u lanqas hemm dubbju li permezz tad-denunzja in ezami l-imputat kiseb vantagg ghalih.

Illi dwar l-element tax-xjenza, l-imputat isostni li d-denunzji li huma esebiti bhala Dok JH1 gew redatti minnu jew fuq inkarigu tiegh ghalhekk m’ghandu jezisti l-ebda dubbju li huwa kien jaf li d-denunzja ghall-perjodu mill-1 ta’ Settembru 2008 sat-30 ta’ Novembru 2008 kienet tindika kreditu immaginarju u konsegwentement kienet falsa.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew sodisfacjentment pruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik tar-recidiva ai termini ta’l-artikoli 49 **u** 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in sostenn ta’ din l-imputazzjoni giet prezentata sentenza datata 3 ta’ Novembru 2005 permezz ta’ liema l-imputat gie ikkundannat multa ta’ Lm175. Ir-reati li taghhom qed jinstab hati llum jirreferi ghal fatti li sehhew f’Marzu 2009 u fix-xhur ta’ qabel. Ghalhekk din l-ahhar imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatti in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta’ xejn l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; bla dubbju reati gravi.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni fatturi ohra inkluz ir-rapport ta’l-ufficjal tal-probation.

Illi bla dubbju dak li ghamel l-imputat huwa zballjat u nkwadra ruhu f’cirkostanzi ferm akbar li hallew impatt negattiv hafna fuq is-socjeta in generali. L-imputat pero jidher li gharaf dan u ra kif ghamel biex ghamel tajjeb ghal

ghemilu b'mod li llum huwa ssalda (jew prattikament issalda) il-kontijiet tieghu mad-Dipartiment; dan huwa ghamlu b'detriment kbir ghan-negozju tieghu, li kellu jinbiegh.

Illi ai termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz tar-reciediva l-Qorti tista' izzied il-piena bi grad. Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont tar-reat li tieghu kien instab hati u dwaru kien gie ikkundannat multa, hija ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha u ghalkemm l-imputat ghandu jitqies bhala recidiev ghar-reati odjerni ma ghandhiex zzied il-piena applikabbli bi grad.

Illi minn ezami tac-citazzjoni jirrizulta li din giet prezentata fil-11 ta' Awissu 2009. Jirrizulta li l-imputat kien ha l-passi biex tigi rimedjata s-sitwazzjoni mad-Dipartiment f'l-20 ta' Lulju 2009 cioe ftit qabel ma ttiehdu passi fil-konfront tieghu. Permezz ta' din l-ittra d-Dipartiment tpogga f'pozizzjoni li l-jannulla l-kreditu immaginarju li holoq l-imputat b'l-agir tieghu u b'hekk ir-records juru stampa reali u cioe debitu ta' l-imputat favur l-istess Dipartiment. Mhux hekk biss imma kif diga ntqal pendenti l-proceduri l-imputat hallas kwazi dak kollu dovut minnu inkluz penali u imghaxxijiet. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ghandu japplika dak predipost f'l-artikolu 337(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tnaqqas il-piena applikabbli bi grad jew tnejn.

Illi l-Qorti necessarjament ghandha tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux netta fil-verita turi kundanna wahda fil-konfront ta'l-imputat.

Illi dwar il-piena applikabbli ghal kaz in ezami tenut kont li l-imputat huwa recidiv ma tistghax tinghata sentenza sospieza, u tenut kont li huwa qed jinstab hati ta' reat kontemplat fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti lanqas tista' tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446[17] (b'mod li taghti probation jew liberta kondizzjonata) u lanqas tista' tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9. Dan

[17] Ref artikolu 83(4) ta'l-istess Kapitolu 406.

ifisser li l-unika piena li tista' taghti din l-Qorti hija wahda ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 18, 42, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ukoll biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1,542 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------